# BIEQJA PREISTORIKA RESTAWRATA U MQIEGĦDA LURA FIL-POST ORIĠINALI TAGĦHA WARA AKTAR MINN SEKLU

**Stqarrija l 11 ta' Settembru 2023**

Bieqja kbira li kienet ġiet skavata fil-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien minn Temi Zammit ġiet restawrata u mqiegħda lura fil-post oriġinali fejn kienet instabet aktar minn seklu ilu, grazzi għal sforz kollettiv minn kuraturi ta' Heritage Malta u t-timijiet tal-konservazzjoni u tad-diġitizzazzjoni tal-aġenzija.

Kien f'Awwissu 1915, waqt li kien qed jiġi skavat il-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien taħt id-direzzjoni ta' Zammit, li nstabu l-fdalijiet ta' bieqja kbira tal-ġebel ħdejn waħda mid-daħliet fl-istruttura li kienet qed tinkixef. Il-bieqja kienet imkissra u kellha wkoll xi partijiet żgħar neqsin. Madankollu kienet impressjonanti, mhux biss minħabba d-daqs tagħha iżda wkoll għall-fatt li minflok mit-tafal, kienet magħmula mill-ġebel.

Il-biċċiet inġabru u l-bieqja reġgħet ingħaqdet, u ritratti meħudin fl-1916 juruha f'post qrib fejn kienet instabet. Zammit ma ħalliex dettalji dwar għala l-bieqja tpoġġiet f'dan il-post, iżda r-raġuni aktarx kienet il-biża' li ladarba tkun restawrata, il-bieqja setgħet ma toqgħodx sew fejn kienet instabet oriġinalment. Aktarx li kien ġie deċiż li jkun hemm inqas periklu għall-bieqja jekk tiġi restawrata f'post li jipprovdi aċċess għaliha mad-dawra kollha tagħha u li fih hemm spazju biżżejjed biex jakkomodaha ladarba l-biċċiet jingħaqdu flimkien.

Fl-1917, il-partijiet neqsin tal-bieqja ġew riprodotti u twaħħlu mal-partijiet oriġinali biex il-bieqja tidher sħiħa.

Matul is-snin, il-bieqja sofriet ħsarat li ssewwew minn żmien għal żmien. Ir-riżultat aħħari kien saffi ta' materjal modern, bħal kolla u siment, li weħel mal-bieqja, minbarra l-fatt li l-forma oriġinali tal-bieqja pjuttost intilfet.

Fil-bidu tal-2023, kuraturi tas-sit nedew proġett għar-restawr tal-bieqja minħabba l-istat li kienet fih. Il-proġett qanqal ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-bieqja setgħetx tmur lura fil-post oriġinali fejn kienet instabet fl-1915. Biex jitwettaq il-proġett, intalbet l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Konservazzjoni u tat-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta.

Minbarra li għamlu dokumentazzjoni bir-reqqa, il-membri tad-Dipartiment tal-Konservazzjoni żarmaw il-bieqja biċċa biċċa, naddfu dawn il-biċċiet, u fl-aħħar għaqqdu l-bieqja mill-ġdid. Iddokumentaw ukoll il-metodoloġija ta' interventi li kienu saru fl-imgħoddi u li ma kinux ġew dokumentati. Kampjuni mit-taħlita tas-siment li kien hemm mat-truf tal-partijiet żarmati qed jiġu analizzati mix-xjentisti ta' Heritage Malta biex jippruvaw jistabbilixxu jekk it-taħlitiet tas-siment humiex differenti minn xulxin u b'hekk jistabbilixxu wkoll jekk sarux f'daqqa jew f'perjodi ta' żmien differenti.

It-tim tad-diġitizzazzjoni ngħata l-inkarigu li jiskennja bil-laser il-post fejn kienet il-bieqja u jiddetermina jekk il-bieqja setgħetx tmur lura fil-lok oriġinali tagħha. It-tim ipprovda wkoll riżorsi li l-konservaturi sabuhom utli ħafna waqt li kienu qed iżarmaw il-bieqja. Wara li l-bieqja ġiet żarmata, it-tim tad-diġitizzazzjoni skennja b'mod metikoluż bil-laser il-partijiet kollha – xi 55 b'kollox – u abbina kull parti ma' numru għall-fini ta' referenza. Dawn il-partijiet diġitizzati ffaċilitaw b'mod virtwali t-tgħaqqid mill-ġdid tal-bieqja.

Wara dan it-tgħaqqid diġitali, ġie stabbilit li l-artefatt seta' fil-fatt jittieħed lura fil-post oriġinali. Wieħed mill-akbar vantaġġi ta' din it-teknika kien li l-proċess delikat tar-rikostruzzjoni seta' jsir virtwalment, mingħajr ma wieħed jesperimenta bil-biċċiet oriġinali tal-artefatt. Il-kopja diġitali tal-bieqja qabel ir-restawr u wara li tgħaqqdet tipprovdi referenzi dettaljati ta' dokumentazzjoni li ma kinux possibbli kieku ntużat fotografija 2D tradizzjonali. Dan hu proċess metikoluż li jieħu ħafna ħin iżda li jiggarantixxi l-aqwa preċiżjoni possibbli. Din kienet l-ewwel darba li teknika bħal din intużat minn Heritage Malta.

B'din l-għajnuna mit-tim tad-diġitizzazzjoni, il-konservaturi setgħu jwasslu l-proġett għall-qofol tiegħu. Il-proġett ħa sitt xhur biex jitlesta, inkluż il-konservazzjoni u r-restawr tal-post fejn il-bieqja ġiet mgħaqqda mill-ġdid. Il-biċċa xogħol kbira li twettqet, grazzi għall-kollaborazzjoni bejn il-kuraturi, il-konservaturi u t-tim tad-diġitizzazzjoni, wasslet biex il-bieqja tmur lura f'postha wara li qattgħet aktar minn mitt sena xi mkien ieħor.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta